**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 483/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Vs**

**Mahmoud Suleiman Suleiman**
**Bashid Mahdi**
**Mahmoud Ababaker Mustafa**
**Daniel Solomon Alazar**
**Tesfalem Habeh Tesfalem**

**Illum 13 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mahmoud Suleiman Suleiman** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Mahmoud Suleiman u Hawa Ahmed Idriss, imwieled fl-4 ta' Settembru 1985 f'Omdurman, Sudan u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20F-013, ta' **Bashid Mahdi** ta' tlieta u għoxrin (23) sena, iben Bashid u Halima, imwieled fit-22 ta' April 1997 f'Omdurman, Sudan u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20F-021, ta' **Mahmoud Ababaker Mustafa** ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Mohammed u Murrah, imwieled fl-1 ta' Jannar 1992 f'Darfour, Sudan u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20F-016, ta' **Daniel Solomon Alazar** ta' għoxrin (20) sena, iben Daniel Solomon u Soba, imwieled fis-7 ta' Mejju 2000 f'Asmara, Eritrea u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20N-041 u ta' **Tesfalem Habeh Tesfalem** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Tesfalem u Hagush, imwieled fl-1 ta' Frar 1998 f'Bihat, Eritrea u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20N-068, talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn is-sagħtejn nieqes kwart ta' filgħodu (01:45hrs) u s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30hrs) ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema ħsara tammonta għal aktar minn €2,500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kienitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-miġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 68(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewhomx jew

fixkluhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda disposizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bon ordni jew il-kwiet u paċi tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Irrendew ruħhom kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imptutati kollha wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JG1" sa' Dok. "JG5" a fol. 13 sa' 17 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Darren Fenech mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020[2] u ix-xhieda ta' Martin Bonnici mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Settembru 2020[3] u tat-28 ta' Ottubru 2021[4], semgħet ix-xhieda ta' Jordan Coleiro[5] u ta' Mark Farrugia[6] mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Settembru 2020 u tat-30 ta' Settembru 2021 u x-xhieda ta' WPS 323 (illum Spettur) Ritianne Gauci mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Ottubru 2020[7] u tat-30 ta' Settembru 2021[8], semgħet ix-xhieda ta' Stephen Barbara[9], ta' l-Ispettur Antoine Cilia[10] u ta' LARO Chris Aquilina[11] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 u rat id-dokument esebit mill-Ispettur Antoine Cilia markat bħala Dok. "AC" a fol. 63 sa' 65 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPS293 Michelle Camilleri u ta' PS1331 Darren Debattista mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020[12] u rat ir-Relazzjoni tagħhom, ossia vera fotokopja tar-Relazzjoni minnhom ippreżentata fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Darren Bonello", markata Dok. "MC" a fol. 72 sa' 118 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Janetta Grixti mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020[13] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "JGX1" a fol. 121 sa' 128 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna, Deputat Reġistratur, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2021[14] u rat il-Procès-Verbal bin-Numru 1268/2020 markat Dok. "X" a fol. 155 sa' 349 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1514 Daniel Debattista[15] u ta' PS1010 Andrea Zahra[16] mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, rat illi Darren Bonello eżerċita d-dritt tiegħu li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri stante li hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu konnessi ma' dak li seħħ nhar it-18 ta' Settembru 2020 ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi[17];

---

[1] Fol. 22 sa' 26 tal-proċess.
[2] Fol. 27 sa' 33 tal-proċess.
[3] Fol. 34 sa' 37 tal-proċess.
[4] Fol. 402 tal-proċess.
[5] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess u fol. 387 sa' 389 tal-proċess.
[6] Fol. 42 sa' 46 tal-proċess u fol. 390 sa' 392 tal-proċess.
[7] Fol. 49 u 50 tal-proċess.
[8] Fol. 393 u 394 tal-proċess.
[9] Fol. 58 tal-proċess.
[10] Fol. 60 sa' 62 tal-proċess.
[11] Fol. 66 sa' 68 tal-proċess.
[12] Fol. 71 tal-proċess.
[13] Fol. 119 u 120 tal-proċess.
[14] Fol. 154 tal-proċess.
[15] Fol. 397 u 398 tal-proċess.
[16] Fol. 399 u 400 tal-proċess.
[17] Fol. 401 tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mill-imputati markati Dok. 1 sa' Dok. 14 permezz ta' Nota ippreżentata fl-1 ta' Diċembru 2021 a fol. 406 sa' 475 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 21 ta' Lulju 2021[18] permezz ta' liema bagħat lill-imputati kollha sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 68(2), 68(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[19] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, l-imputati iddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u konsegwentement inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża ta' l-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jiġu akkużati talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn 01:45hrs u 02:30hrs ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi, Safi Barracks, Safi: (1) volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema ħsara tammonta għal aktar minn €2,500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kienitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-miġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 68(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda disposizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bon ordni jew il-kwiet u paċi tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) irrendew ruħhom kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati lkoll wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

---

[18] Fol. 375 tal-proċess.
[19] Fol. 376 tal-proċess.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 21 ta' Lulju 2021, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati kollha sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 68(2), 68(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ix-xhieda ċentrali f'dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

- **Darren Fenech**[20], Officer in Charge fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, illi xehed illi nhar it-18 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' 1:30a.m., huwa kien ġie infurmat li l-immigranti li kienu ġewwa Warehouse 1, fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi ġewwa Safi Barracks, kienu qed jippruvaw jaħarbu billi qalgħu xi knaten minn taħt it-tieqa fil-ħajt ta' dan il-Warehouse. Xehed ukoll li *kif wasalt fuq il-post insib 3 minnhom li kienu diġa' ħarbu u kienu għadhom qed jiġru ġewwa l-barracks, 2 minnhom qabżu u ieħor tiela' mal-fence u qabeż u telaq il-barra. Kelli n-nies tiegħi li diġa' kienu għalqu t-toqba minn fejn bdew ħerġin għax huma qalgħu kantun u avolja raw lilna xorta komplew jippersistu biex joħorġu. Jiena tlabt għall-assistenza tas-suldati kif ukoll tal-RIU u kif waslu 2 units tal-RIU jiġifieri dawn lanqas ikkalkulawna u anke kienu qed iwaddbu l-ġebel. Li ħarġu tal-bidu ħarġu anke bil-ħadid f'idejhom u jwaddbulna l-ġebel sa kien hemm Pulizija minn tal-RIU li sfaw feruti u wieħed minnhom kien maġembi u laqtuh b' ġebla sakemm ilħaqna ġibna t-tarki. Qabbdu wkoll xi saqqijiet. X'ħin ġew 2 karozzi tal-RIU aħna konna forsi xi 13-il ruħ u huma kien hemm 372 jiġifieri għamilna fuq siegħa nikkumbattu magħhom. … aħna għamilna fuq siegħa żgur nikkumbattu magħhom sakemm waslet iktar assistenza u huma baqgħu jippersistu u jippruvaw jiġifieri l-ġebel baqa' ġej il-ħin kollu u qabbdu xi saqqijiet.*

  Mistoqsi kemm minn dawn il-372 persuna kienu involuti f'dan l-inċident, Darren Fenech wieġeb *inti tibda tieħu r-ring leaders apparti li nkunu rajna aħna u nkunu identifikajnihom dak il-ħin għaliex huma ħarġu w anke għamlu s-saqqijiet biex jilqulgħom u joħorġu wara s-saqqijiet u ġejna face to face magħhom … Biċċiet minnhom ħarġu u reġgħu daħlu u hemm minnhom li anke qegħdin hawnhekk mhux l-ewwel darba li dejjem kien ikollna l-argumenti u kwistjonijiet.* Mistoqsi xi rwol kellhom il-persuni identifikati minnhom, Darren Fenech wieġeb *tefgħu l-ġebel, ħadid u apparti li kissru l-ħajt biex fetħu kissru anke partitions minn ġewwa. … Mit-twieqi, x'ħin konna viċin u biex ma nagħlqulhomx it-toqba, waddbulna anke l-misħun.* Huwa iddikjara li l-ħames imputati f'dawn il-proċeduri kienu kollha involuti fl-inċident in kwistjoni u għarafhom kemm għaliex kien già jafhom minn qabel meta kienu residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Far kif ukoll għaliex kienu fil-kotra ta' quddiem. In kontro-eżami ddikjara li l-imputati *kienu parteċipi fit-tkissir tal-ħajt żgur imma l-partition ta' ġewwa ma nistax ngħid min kissru għaliex ma rajthomx.* Mistoqsi mill-Qorti x'rahom jagħmlu lill-imputati, Darren Fenech wieġeb *jitfgħu l-ġebel u ippruvaw joħorġu biex jaħarbu apparti wieħed minnhom li mhux qiegħed hawn preżenti imma nagħrfu ħarab minn ġo fina u baqa' jiġri.* Xehed ukoll illi l-ħames imputati in kwistjoni *waddbu l-ġebel u anke l-ħadid.*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 27 sa' 33 tal-proċess.

- **Martin Bonnici**[21], li fiż-żmien in kwistjoni kien Security f'Ħal-Safi Barracks, illi xehed illi dak il-lejl tat-18 ta' Settembru 2020 huwa kien qiegħed xogħol fil-Gwardjola u li bejn 1:45a.m. u s-2:00a.m., sema' xi knaten jinqalgħu mill-Warehouse tal-Barracks, liema Wareshouse hija maqsuma fi tnejn u ra dan qed jiġri fl-ewwel waħda. Huwa għajjat għall-assistenza u ħareġ mill-Gwardjola jdur biex forsi jwaqqaf lil xi ħadd mill-immigranti. Laħaq wasal Security ieħor u dak il-ħin l-immigranti bdew ħerġin jiġru bil-ħadid u jwaddbulhom il-ġebel. In eżami Martin Bonnici xehed li huwa ma kienx f'posizzjoni jagħraf min mill-immigranti rnexxielu jaħrab, iżda kien f'posizzjoni jagħraf lil min kien involut fil-kommossjoni. Fir-rigward ta' l-imputati f'dawn il-proċeduri, xehed *waddbu l-ġebel żgur. … Naħseb tefgħu xi ħadid ukoll għax sa' dak il-ħin bdew jaslu l-Pulizija u s-Suldati allura aħna bdejna noqogħdu lura għax hekk kienet l-ordni li noqogħdu lura.* In kontro-eżami Martin Bonnici mistoqsi kif seta' jagħraf lill-imputati la kien id-dlam, iddikjara li għaraf lill-imputat Mahmoud Suleiman Suleiman minħabba l-istatura tiegħu għax fih tifel u għaraf ukoll lil Tesfalem Habeh Tesfalem. Fir-rigward tat-tlieta l-oħra kien dubjuż dwar jekk jagħrafhomx ukoll. Fil-kontro-eżami ulterjuri li sar fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[22], u cioè iktar minn sena wara d-data ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Martin Bonnici ddikjara li ma seta' jiftakar xejn u dakinhar ma seta' jagħraf lil ħadd.

- **Jordan Coleiro**[23], Detention Officer f'Ħal Safi Barracks, illi xehed illi dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tas-1:30a.m. jew is-1:35a.m., waqt li kien qiegħed fil-Guard Room, is-Security għajjattlu għall-assistenza. Iddikjara li *jiena mort niġri għax meta jagħmlulna l-alarm ifisser li hemm xi ħaġa ta' malajr u x'ħin ħriġt sibt iċ-ċangun maqlugħ. X'ħin imbagħad jiena u s-Security ersaqna lejn it-toqba ħarġu tnejn (wieħed minnhom b'ħadida u l-ieħor b'biċċa kantun f'idejh). Jiena lis-Security għidtlu biex jirtira naqra lura għax ma kienx hemm spazju biżżejjed u x'ħin pruvajt nersaq lejh u ngħidlu biex jieqaf, waddabli l-kantun għal go saqajja. Jiena lis-security tajtu l-ordni biex jersaq lura u ħarbu jiġru u safrattant, x'ħin ċempilna għall-għajnuna, sakemm ġew tal-RIU u hekk, bdew ħerġin minn ġot-toqba u x'ħin ġew tal-RIU u pruvajna nrażżnuhom, minflok qagħdu kwieti komplew jaqilgħu l-knaten u jwaddbulna. Safrattant laħqu ħarbu xi disgħa huma għax għandikun kienu ħarbu diġa' xi tnejn u ma konniex rajnihom. Jiena rajt xi 5 jew 6 ħerġin dak il-ħin. … bdew jgħidulna ħafna affarijiet. … Skużi l-kelma "Fuck you" u affarijiet hekk. … Ħarqu saqqu wkoll. … Aħna morna dħalna bit-tarek biex inżommuhom minħabba t-toqba imma xorta ma stajniex nikkontrollawhom. Imbagħad ġew ħafna iktar Pulizija u użaw il-metodi tagħhom.* Mistoqsi dwar l-involviment ta' l-imputati, Jordan Coleiro wieġeb li l-imputati *mhumiex min dawk li ħarbu barra t-triq. Dawn huma milli ħarġu l-barra mit-toqba iwaddbu l-ġebel u jerġgħu jidħlu. … Jiġifieri minn ġot-toqba jerġgħu jidħlu ġewwa ġol-warehouse għax dawn fetħu qisu bieb hemmhekk. … dan kien bil-lejl u bejn kien hemm is-search light jiġifieri tarahom imma mhux se tarahom mija fil-mija. … Huma bdew jidħlu u joħorġu u jwaddbu l-ġebel.* Mistoqsi b'mod partikolari dwar jekk l-imputati tefgħux ġebel, huwa wieġeb *kien hemm iva min waddab il-ġebel. … Dak li fih tifel* - ossia Mahmoud Suleiman Suleiman - u *dawn it-tnejn tat-tarf ukoll* - ossia Tesfalem Habeh Tesfalem u Daniel Solomon Alazar. In kontro-eżami mistoqsi dwar kemm kien hemm nies involuti u kienux qed jinbidlu l-ħin kollu, Jordan Coleiro wieġeb *kien hemm nies differenti l-ħin kollu jiġifieri dawn qed nitkellmu kien hemm qisu 26 jew 27 li kienu qed jipparteċipaw f'din il-biċċa xogħol. Issa jekk ħa toqgħod tistaqsini x'għamel kull wieħed eżatt jiena m'iniex ħa nasal. Jiġifieri jiena qed ngħid illi dawn huma qalgħu rewwixta għaliex jiena jekk ikunu t-tfal tiegħi wkoll lanqas nagħrafhom 27 aħseb u ara.* Meta imbagħad ġiet iktar assistenza mill-Pulizija u irnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni, ħarġu madwar 200 immigrant fil-bitħa

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 34 sa' 37 tal-proċess.
[22] Fol. 402 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 38 sa' 41 tal-proċess.

tal-Compound. Fil-kontro-eżami ulterjuri li sar fit-30 ta' Settembru 2021[24], iktar minn sena wara l-inċident in kwistjoni, Jordan Coleiro ddikjara li l-kommossjoni nqalgħet fil-Compound magħruf bħala Warehouse 1. Mistoqsi mill-ġdid dwar l-involviment ta' l-imputati f'dawn il-proċeduri, huwa wieġeb *kienu involuti imma mhux ħa ngħidlek isma speċifikatament x'għamel. ... mhux ħa nwaħħal f'ħadd. ... Kienu involuti iva però mhux ħa ngħidlek x'kien il-każ ... mhux ħa ngħidlek speċifikatament li dak waddabli l-ġebla jew hekk, dik mhux ħa ngħidha.* Mistoqsi *u lanqas int f'posizzjoni li tgħid per eżempju dan kien ħareġ u ġabuh lura, ma tiftakarx?* Jordan Coleiro wieġeb *le, ma niftakarx għax kien hemm wisq konfużjoni.*

- **Mark Farrugia**[25], Security Officer f'Ħal-Safi Barracks, illi xehed illi *jiena kont fi block ieħor jiġifieri qisu xi 200 metres il-bogħod minn fejn ġara l-inċident u għajtuli biex immur ngħin għaliex kien hemm rewwixta u bdew iwaddbu ħafna ġebel u ma kienx hemm biżżejjed nies. Jiena nżilt, rajt il-ħajt ta' taħt it-tieqa kollu maqlugħ u ħafna ġebel u ħadid ħiereġ minn hemm.* Mistoqsi liema ħajt kien, Mark Farrugia wieġeb tal-Warehouse u kompla jgħid illi *bdew jimbuttawh imbagħad jiġbdu l-ġebel il-ġewwa, ikissruh u jwaddbuh lilna bdew. Imbagħad hin minnhom pruvaw joħorġu u kien hemm il-bozza fuq it-tieqa u bdew jippruvaw ikissruha biex ma nagħrfuhomx.* Mark Farrugia ddikjara li xorta waħda kapaċi jagħraf lil min kien involut u fir-rigward ta' l-imputati għaraf lill-imputat Mahmoud Suleiman Suleiman, lill-imputat Bashid Mahdi, lill-imputat Mahmoud Ababaker Mustafa u lill-imputat Tesfalem Habeh Tesfalem. Dawn kollha kienu qed iwaddbu l-ġebel u in oltre l-imputat Mahmoud Suleiman Suleiman kien wieħed minn dawk li kien qed iħott il-ħajt. Fir-rigward ta' l-imputat Tesfalem Habeh Tesfalem, Mark Farrugia rah ukoll jimbotta saqqu li eventwalment ingħata n-nar iżda ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk kienx dan Tesfalem Habeh Tesfalem li effettivament ta n-nar lis-saqqu.

  In kontro-eżami Mark Farrugia kkonferma li l-imputati ħarġu mill-Warehouse mit-toqba li nfetħet fil-ħajt iżda kkonferma wkoll li ebda wieħed minnhom ma' ħarab minn fuq il-post. Ikkonferma wkoll li għalkemm kien bil-lejl meta nqalgħet din il-kommossjoni kollha, xorta kien hemm id-dawl għaliex fuq kull tieqa tal-Warehouse hemm id-dwal. Fil-kontro-eżami ulterjuri li sar fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2021[26], Mark Farrugia xehed illi *jiena kont in-naħa l-oħra tal-barracks meta ġara l-inċident, insejħulu s-C Block aħna. Ovvjament smajt l-alarm għax dak meta jkun hemm xi attentat ta' ħarba tisma' l-alarm u jiena kulma għamilt huwa li mxejt mal-block fejn kont jiena stess u mort mal-fence biex jekk tara lil xi ħadd forsi jiġri l-barra, tgħajjat jew whatever. Kont qiegħed mal-fence hemmhekk u rajt wieħed ġej jiġri veru, fit-triq imma u jien kont għadni gol-barracks. Ovvjament qbiżt, mort fuqu, waqqaftu, waqaf jiġifieri ma rreżista xejn u ċempilt lil OIC tiegħi Darren.* Mark Farrugia ma setgħax jiftakar min kien il-persuna li waqqaf iżda xehed li hekk kif qabdu dan ikkopera miegħu mill-ewwel. Huwa kompla jixhed illi *imbagħad kif ġie l-OIC u ħa over tar-resident, qalli "Mur għinhom hemm isfel u ara x'għandhom bżonn" imbagħad ovvjament mort fuq il-post fejn kienet qed issir ir-rewwixta.* Mistoqsi setax jara jew inkella le għaliex kien hemm il-Pulizija u l-uffiċjali ta' l-RIU quddiemu, Mark Farrugia wieġeb *Pulizija kien hemm, biss jien stajt xorta kieku ma kienx hemm il-Pulizija imma kienu l-bogħod ħafna, kien hemm id-dlam jiġifieri ma nistax ngħid isma, dak l-individwu jew dak l-individwu. Li bdejt nara jiena tipo saqqijiet jaqbdu bin-nar, ġebel ġej imma ma nistax ngħid isma, dak l-individwu jew dak l-individwu.*

- **WPS 323, illum Spettur Ritianne Gauci**[27], illi xehdet illi dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tas-2:00a.m., waqt li kienet xogħol ġewwa l-Għassa taż-

[24] Fol. 387 sa' 389 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 42 sa' 46 tal-proċess.
[26] Fol. 390 sa' 392 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 49 u 50 tal-proċess.

Żejtun, irċeviet telefonata fejn ġiet infurmata li kienu ħarbu xi immigranti miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi. Meta marret fuq il-post già kien hemm il-Pulizija u l-uffiċjali ta' l-RIU ma' l-uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni u setgħet tara li kien hemm xi immigranti qed iqajmu rewwixta u li kien hemm ħajt li kienu qed iħottuh u kienu qed jitfgħu l-ġebel lejn il-Pulizija u lejn l-uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni. Hija rat li l-immigranti anke kellhom biċċiet tal-ħadid irqiq f'idejhom li in segwitu għarfithom bħala biċċiet tal-ħadid li kellhom mas-saqqijiet tagħhom. Rat illi kien hemm xi membri tal-Pulizija li kienu feruti għaliex l-immigranti kienu qed jitfgħu l-ġebel lejhom u b'hekk issejjħet ambulanza. Kien hemm immigrant illi ġie immannettjat iżda rnexxielu jaħrab però eventwalment reġa' daħal ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni u l-Pulizija reġgħu qabduh bil-manetti kif kien. Meta tkellmet ma' l-Officer in Charge taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Darren Fenech u lis-Security Officer Martin Bonnici, dan ta' l-aħħar qalilha li *kien fil-gwardjola quddiem eżatt fejn ġara l-inċident u sema' ħoss ta' bumm u qalli li nduna li waqqgħu kantun u kien hemm xi immigranti li bdew jaħarbu minnu. Ovvjament minn naħa tiegħu sejjaħt għall-assistenza u bdew jippruvaw jikkontrollaw l-immigranti.* L-Ispettur Gauci ddikjarat ulterjorment li eventwalment is-sitwazzjoni kkalmat u anke xi nirien li tqabbdu ġew ikkontrollati u l-uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni u l-Pulizija daħlu fil-post fejn kien hemm l-immigranti u saret *head count* u anke saret l-identifikazzjoni tal-persuni involuti f'dan l-inċident. Stqarret li l-identifikazzjoni saret da parte ta' l-Officer in Charge Darren Fenech illi jaf lill-immigranti sew.

In kontro-eżami[28], l-Ispettur Ritianne Gauci xehdet illi *jiena kont qiegħda mhux ma fejn kienu qed jinżammu l-Pulizija, jiena fejn il-fence kont. Hawnhekk hawn fence, iktar il-ġewwa kien hemm il-Warehouse fejn kien qed isir l-inċident u jiena mill-fence, peress illi hija see through, jiena stajt nara x kien qed jiġri. Ovvjament il-point tiegħi ma kinitx fissa, jiena bdejt niċċaqlaq u nipprova nlaħħaq naqra ma kollox. ... Jiena personali ma stajtx nidentifika persuna A b dak l-isem, persuna B b dak l-isem għax jiena personali ma nafhomx u għalhekk bdejt nistaqsi lill-Officer in Charge u hekk u bdew jgħiduli dak u l-ieħor. Li stajt nidentifika ċertu nies forsi minħabba ċertu karatteristiċi però bħala ismijiet ma stajtx nidentifikahom. Naf li kienu hemmhekk iva, però ma nistax nidentifika bħala isem. ... jiena speċifikament ma nistax ngħid li persuna A laqtet lili jew laqtet lil xi ħadd però x'ħin kont hemmhekk stajt nara li beda jitwaddab il-ġebel minn dawn il-persuni u hekk.*

- **Stephen Barbara**[29], Suldat mad-Third Regiment, Ħal-Safi Barracks, illi xehed illi *jiena ġejt infurmat mill-Control Room tat-Tielet Reġiment fit-02:40a.m. u fit-02:50a.m. inżilt fuq il-post fejn sibt diġà l-preżenza tal-Pulizija. Wara ftit tal-ħin, ħarġu saqqijiet minn ġol-knaten fejn bdew jaħarbu u tawhom in-nar. Ftit tal-ħin wara, jiena rajt xita ta ġebel nieżla fuq il-Pulizija, fuq is-Suldati, fuq tal-RIU u fuq tal-fire engine. Naħseb kienu kbar daqs pakketti tas-sigaretti l-ġebel li bdew iwaddbu. ... Ma nagħraf lil ħadd għax jiena wara ftit tal-ħin, peress li kien hemm minnhom maħrubin fil-barracks, tajt ordni lis-Suldati biex joħorġu patrol u jiena mort magħhom.*

- **L-Ispettr Antoine Cilia**[30] illi xehed illi *nhar it-18 ta Settembru tas-sena 2020 għall-ħabta tas-02:00a.m., il-Control Room tal-Pulizija għaddiet messaġġ fuq ir-radio tas-servizz fejn intalbet l-assistenza tal-membri tal-RIU fid-Detention Centre ta Ħal Safi peress li xi immigranti kienu qalgħu xi ċnagen minn mal-ħajt sabiex jaħarbu. Żewġ vetturi mill-RIU waslu fuq il-post fi ftit minuti fejn infurmawna li l-immigranti kienu diġà qalgħu 2 knaten. Waqt li kienu qegħdin ineħħu l-armi minn fuqhom bħala proċedura u jilbsu l-anti-riot kit, instema ħoss kbir wara li l-immigranti rnexxielhom*

[28] Vide kontro-eżami waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 393 u 394 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 58 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 60 sa' 62 tal-proċess.

*iwaqqgħu iktar mill-ħajt u ħarġu barra. Il-ħames uffiċċjali mill-RIU flimkien ma żewġ membri tad-Detention Services, ikkonfrontaw lill-immigranti sabiex ma jaħarbux. Il-Pulizija għamlu użu minn shotguns bi skrataċ tar-rubber imsejħin rubber pallets. Il-membri tad-Detention Services ġie rrapportat li użaw pepper spray. Sadanittant waslet vettura oħra b żewġ Pulizija u assistiet lill-kollegi tagħhom. Waqt din il-konfrontazzjoni, il-Pulizija rrapportaw li l-immigranti bdew iwaddbu u jagħtu b biċċiet tal-ħadid u ġebel. Waqt din il-konfrontazzjoni wkoll, wieħed mill-immigranti ġie mmanettjat iżda sħabu irnexxielhom jerġgħu jdaħħluh ġewwa waqt li komplew iwaddbu oġġetti lejn il-Pulizija. Kif wasalt fuq il-post u rajt is-sitwazzjoni kif kienet, tlabt lill-Control Room għal iktar għajuna minħabba l-fatt illi kienu nfurmawni illi ġewwa kien hemm mat-370 immigrant u li din kellha digà fetħa mdaqqsa minn fejn setgħu joħorġu. Għamilt diversi arranġamenti biex inkun nista nniżżel iktar nies mill-RIU fuq il-post kif ukoll il-kollega tiegħi, l-Ispettur Malcolm Sammut, infurmani li kien qed jiġbor xi nies mill-Ispecial Intervention Unit. Tajt struzzjonijiet ukoll biex inġibu l-vann bit-tarek u jinġieb is-CS gas kif ukoll jinħarġu iktar shotguns u jinġieb iktar munizzjon ta rubber pallets. Kif waslu t-tarek fuq il-post, tellajna barrikata u magħhom ħallejt 2 Pulizija bis-shotguns. Kull darba li xi immigranti bdew joħorġu mill-fetħa li kienu għamlu huma stess, bdejna nisparaw tiri tar-rubber pallets fid-direzzjoni tagħhom jew inħabbtuhom mal-ħajt u l-immigranti jerġgħu jidħlu ġewwa fil-premises minn fejn ħarġu. Sadanittant kont infurmat ukoll li 7 Pulizija minn tiegħi (jiġifieri membri tal-RIU) kienu ġew imweġġgħin u kienet qed tingħata assistenza medika lilhom fuq il-post. Tnejn minnhom, li kienu s-Surġent bin-numru 1010 u l-Kuntistabbli bin-numru 1514, ittieħdu l-isptar għal iktar kura fejn ġew iċċertifikati li kienu qed isofru minn ġrieħi ta natura gravi. Hin minnhom, l-immigranti ħarġu ammont ta saqqijiet li użawhom bħala tarek u bdew resqin lejn il-barrikati li konna tellgħajna aħna. Hawnhekk tajt l-ordni biex nagħmlu charge fejn ġrejna għal fuqhom, ħadnielhom is-saqqijiet u huma daħlu jiġru l-ġewwa u aħna rtirajna lura wkoll. Wara din il-biċċa xogħol, kont infurmat ukoll li ma kienx hemm post alternattiv ieħor fejn jinżammu l-immigranti u l-unika li soluzzjoni li kellna kienet li nżommuhom ġewwa sakemm jiġi rranġat il-ħajt li kien tkisser. Wara xi ħin, l-immigranti reġgħu ħarġu s-saqqijiet, biss din id-darba tawhom in-nar u kienu se jibdew ġejjin lejna bihom jiġifieri bis-saqqu jaqbad. Huma ġew imwaqqfa permezz tar-rubber pallets li erġajna użajna fuqhom fejn dawn ħallew is-saqqijiet mal-art u reġgħu daħlu lura. Kif morna biex nitfu s-saqqijiet minħabba l-foga li bdiet ħierġa minnhom stess, bdew iwaddbulna ħafna ġebel u għalhekk aħna irtirajna lura u stennejna lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex jiġu jitfu n-nar minn ftit distanza iktar. Sadanittant waslu diversi uffiċċjali tal-korp flimkien ma membri mill-armata. Hekk kif kien sebaħ sew, waslu l-ħaddiema biex jirranġaw il-ħsarat strutturali magħmula mill-immigranti fejn membri mid-Detention Services ħarġu lill-immigranti kollha fil-bitħa u l-membri tal-RIU li kont magħhom flimkien mal-SIU, bl-għajnuna tal-Pulizija tal-klieb, iċċekkjajna li ma kien għad baqa ħadd ġewwa l-binja. Sakemm ħriġnihom fil-bitħa, il-membri tal-Forzi Armati ħadu kontroll tal-bitħa. Kif kienu fil-bitħa, ġie identifikat il-persuna li kien immanettjat peress li kien għad baqagħlu manetta waħda ma idejh u l-oħra kien irilaxxaha, fejn hemmhekk hu stess beda jindikalna lin-nies li kienu nvoluti fil-każ miegħu. Plus hekk, membri tad-DS identifikaw xi persuni min-naħa tagħhom li kienu nvoluti. B kollox kienu ġew arrestati 27 persuna. Irrid inżid li dawn is-27 persuna kienu jinkludu wkoll xi immigranti li laħqu ħarbu minn fuq il-post u qbadnihom aħna minn barra. Irrid inżid ukoll li, kif kont hemmhekk, kont ġejt infurmat li xi gwardjan allegatament kien uża l-arma tan-nar tiegħu fejn ġie milqut immigrant. Dan l-inċident ma ġarax fil-preżenza tiegħi jew fil-prżenza tan-nies tiegħi. B kollox, dakinhar, kienu weġġgħu 7 Pulizija mill-RIU u kienu ġew sparati 36 skartoċċ tar-rubber pallets.*

L-Ispettur Cilia ppreżenta rapport dwar l-akkadut li ġie mmarkat bħala Dok. "AC" a fol. 63 sa' 65A tal-proċess. Fir-rigward ta' identifikazzjoni tal-persuni involuti f'dan l-inċident, l-

Ispettur spjega li hu personali ma setgħax jagħraf lil min kien involut u l-identifikazzjoni saret minn wieħed mill-immigranti stess u mill-Uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni.

- **LARO Chris Aquilina**[31], illi xehed illi *konna xogħol fl-istazzjon ta Ħal Far u għall-ħabta ta xi s-02:30a.m. ċemplulna li kien hemm xi rvellijiet fil-kwartieri ta Ħal Safi fejn l-immigranti llegali. Aħna minnufih morna fuq il-post u sibna li kien hemm digà l-Pulizija u tad-Detention Service f formazzjoni bit-tarek jilqgħu l-affarijiet u kien hemm anke xi saqqijiet jaqbdu fejn ħarġu minn ġo xi toqba għaliex qalgħu xi ġebel minn taħt it-tieqa. Aħna dak il-ħin għidna lill-Pulizija x ħa nagħmlu biex nitfulhom in-nar ħalli jkunu jistgħu jaħdmu, bdejna nippreparaw u dħalna b daqsxejn ta diffikultà għaliex kien twaddib ta ġebel fid-direzzjoni tagħna fejn anke ntlaqtu xi nies. Aħna xorta dħalna, tfejna s-saqqijiet minn ċertu distanza għaliex ma stajniex nidħlu ħafna iktar minħabba l-istess twaddib ta ġebel u minħabba periklu għalina ukoll li nintlaqtu, dħalna minn bejn it-tarek tad-Detention Services u tal-Pulizija u mxejna daqsxejn kemm ilħaqna d-distanza, tfejna, imxejna lura u bqajna stand-by sakemm ma reġa nqala xejn iktar ħlief xi twaddib ta ġebel lejn il-Pulizija mbagħad.* LARO Chris Agius iddikjara li bħala Membri tal-Protezzjoni Ċivili ma intervjenewx fil-kontroll tas-sitwazzjoni għal dak li jirrigwarda twaddib ta' ġebel u kommossjoni ġenerali iżda biss għall-fini ta' tifi tan-nar u meta n-nirien ġew ikkontrollati huma baqgħu fuq il-post sempliċement *stand by*.

- **L-Ispettur Janetta Grixti**[32] illi xehdet illi *jiena kont infurmata mis-Surġenta 323 illi fit-18 ta Settembru tas-sena 2020, għall-ħabta tat-03:00a.m., kienet inqalgħet rewwixta ġewwa Safi Barracks. X'ħin wasalt fuq il-post, is-Surġenta għarrfitni x kien hemm u x ma kienx hemm fejn kien hemm xi klandestini li qalgħu xi ġebel minn taħt it-tieqa, kien hemm minnhom illi ħarbu u kien hemm Pulizija illi anke weġġgħu illi kienu qegħdin hemmhekk mill-ewwel fuq il-post. Sibt ukoll anke kemm tal-ambulanza kif ukoll tas-Civil Protection u kien hemm diversi Pulizija anke tad-Distrett biex jikkontrollaw anke s-sitwazzjoni. Malli sar il-ħin, filgħodu daħlu ġod-Detention Centre fejn kienu miżmumin huma, il-Pulizija tal-SIU u tal-RIU fejn anke tad-Detention Services għamlu l-headcount u tad-Detention Services bdew anke jaraw min kienu r-ring leaders. Kien hemm wieħed minnhom ukoll (li mhuwiex qiegħed preżenti hawnhekk) fejn beda jinfurmahom min kienu r-ring leaders fejn dawn ġew arrestati u tniżżlu l-lockup fejn imbagħad ittellgħu l-Qorti.* In kontro-ezami l-Ispettur Grixti ddikjarat li dan l-immigrant li beda jindika min kienu ir-ring leaders f'din il-kommossjoni li nqalgħet ma kienx qed jindikahom lilha direttament, hija sempliċement kienet hemm u ratu jindika min kienu dawn ir-ring leaders lil taċ-Ċentru ta' Detenzjoni.

  L-Ispettur Grixti ppreżentat ir-Rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ u dan jinsab markat bħala Dok. "JGX1" a fol. 121 sa' 128 tal-proċess.

- **PC1514 Daniel Debattista**[33] illi xehed illi huwa kien preżenti dakinhar ta' l-inċident li seħħ fit-18 ta' Settembru 2020 u li *aħna wasalna l-aħħar vettura. Min-nies ma nagħraf lil ħadd jiena għajr għal wieħed li digà kont xhedt qabel illi kellu xi ħaġa partikolari li tispikka li kien xagħru bid-dreadlocks u kellu xagħru isfar. Però minn dawn li qegħdin hawnhekk preżenti, ma nagħraf lil ħadd.*

- **PC 1010 Andrea Zerafa**[34] illi xehed illi huwa kien ġie milqut f'wiċċu f'dan l-inċident partikolari iżda ma għaraf lil ħadd mill-imputati.

---

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 66 sa' 68 tal-proċess.
[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 119 u 120 tal-proċess.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, fol. 397 u 398 tal-proċess.
[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, fol. 399 tal-proċess.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu akkużati talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn 01:45hrs u 02:30hrs ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi, Safi Barracks, Safi, volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema ħsara tammonta għal aktar minn €2,500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li nhar it-18 ta' Settembru 2020 fil-ħinijiet indikati fl-imputazzjoni seħħet kommossjoni sħiħa ġewwa iċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Safi, fejn numru ta' immigranti f'Warehouse 1 qalgħu ċnaġen minn ħajt ta' din il-Warehouse, ħarqu xi saqqijiet u anke għamlu ħsarat ulterjuri ġewwa l-Warehouse in kwistjoni oltre li kien hemm skontri bejnhom u l-Pulizija u l-uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni. Il-ħsarat kawżati dakinhar jidhru b'mod ċar fir-ritratti annessi mar-Relazzjoni ta' WPS293 Michelle Camilleri u PS1331 Darren Debattista, senjatament fir-ritratti a fol. 91 sa' 95 u a fol. 99 tal-proċess. Jirriżulta ukoll, partikolarment mix-xhieda ta' l-Officer in Charge taċ-Ċentru tad-Dentenzjoni ta' Ħal Safi, Darren Fenech, illi lill-immigranti taċ-Ċentru jafhom sew, li l-imputati kienu parteċipi fl-ikkaġunar ta' dawn il-ħsarat iżda dana limitatament għall-qlugħ taċ-ċnagen mill-ħajt. In effetti fir-rigwad Darren Fenech qal *kienu parteċipi fit-tkissir tal-ħajt żgur imma l-partition ta ġewwa ma nistax ngħid min kissru għaliex ma rajthomx*. Mark Farrugia, Security Officer fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi wkoll, ikkonferma li uħud mill-imputati kienu involuti fit-tkisiir u b'mod partikolari xehed illi l-imputat Mahmoud Suleiman Suleiman kien involut fil-ħatt tal-ħajt.

Minn dan appena osservat għalhekk jirriżulta l-unika ħsara li tista' u għandha tiġi assoċjata ma' u allokata lill-imputati hija biss dik fil-ħajt tal-Warehouse 1.

In kwantu rigwarda l-valur tad-dannu kaġunat fil-ħajt tal-Warehouse 1, issir referenza għar-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku Dr. Robert Musumeci nominat fl-Inkjesta li infetħet fir-rigward ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Din ir-Relazzjoni hija parti mill-Procès-Verbal Nru. 1268/2020, vera fotokopja ta' liema tinsab esebita a fol. 155 sa' 349 tal-proċess, u fiha l-imsemmi Espert Tekniku kkonstata u kkonkluda li *jiġi rilevat li, mill-ewwel daqqa t'għajn, ma seħħewx ħsarat, almenu ta' natura maġġuri, fuq ġewwa tad-dormitorju. Dan anke jekk ġew notati xi żraben maħruqin fil-kuridur miftuħ viċin it-toqba.* ***Mill-banda l-oħra sabiex il-ħajt (fejn kienet iffurmata it-toqba) jiġi rijintegrat għall-istat li kien, hemm spiża ta' ħames mitt ewro qabel il-VAT (€500)***[35]. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova oħra fir-rigward tal-valur ta' dannu u għaldaqstant jirriżulta li valur pruvat tal-ħsara kaġunata mill-imputati huwa ta' €500.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali bgħat lill-imputati sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija kif maħsub fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *Kull min, b mezzi xort oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta qabel ta dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati - (a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta priġunerija minn tmintax-il xahar sa' erba snin.* Dan il-provvediment tal-Liġi kjarament japplika fil-każ li l-valur ta' ħsara kaġunata ikun ta' iktar minn €2,500, li ma huwiex il-każ fil-każ in eżami.

Il-każijiet fejn il-valur tal-ħsara volontarja kaġunata jkun ta' €500, bħalma hu l-każ fil-każ in eżami, jaqgħu taħt il-provvediment tas-subparagrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi,

[35] Fol. 285 tal-proċess. Enfasi ta' din il-Qorti.

li jipprovdi li *jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar.*

Jirriżulta għalhekk illi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati ġiet ippruvata in kwantu tirreferi għar-reat minuri kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kompriż u involut fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kwotat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju. F'tali ċirkostanza l-Qorti xorta waħda tista' ssib lill-imputati ħatja tar-reat ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li huwa orami prinċipju stabbilit li: *meta ... ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[36].

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk l-imputati għandhom jinstabu ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom in kwantu tirreferi għar-reat previst fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu akkużati wkoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva fġ'emgħa ta 'għaxar min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kienitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-miġemgħa ta ' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur ta 'l-Artikolu68(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

Dawn iż-żewġ provvedimenti tal-Liġi ġew kwotati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju.

Ir-reat previst fl-Artikolu 68 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa r-reat ta' ġemgħa ta' nies kontra l-Liġi jew ir-reat ta' attruppament. Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdu li: *(2) Kull min jieħu parti attiva fġ'emgħa ta għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta priġunerija minn tlitt ijiem sa' tliet xhur jew il-multa; (3) Jekk ir-reat li dik il-ġemgħa ta' nies kellha il-ħsieb li tagħmel fil-fatt isir, għandhom jiġu mogħtija, jekk il-piena stabbilita għar-reat tkun anqas mill-pieni hawn fuq imsemmija, dawn il-pieni biż-żieda ta grad; iżda, jekk il-piena li hemm għar-reat tkun akbar minn dawn il-pieni, jew daqshom, għandha tiġi mogħtija dik il-piena biż-żieda ta grad.*

Il-Professur Mamo jgħid li l-elementi ta' dan ir-reat huma: (i) *the taking of an active part in an assembly;* (ii) *formed of ten or more persons;* (iii) *with the object of committing an offence.* Ikompli jgħid li *for a conviction of this crime it is essential that the defendant*

[36] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

*should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission of an offence. "Il delitto di cui al para 2ndo dell' articolo 71 (now 68) delle leggi criminali si consuma pel solo fatto di formar parte dell'attruppamento allorche questo si revela come tale. Non si richiedono ne convenzioni prestabilite, ne consensi espressi, ne ordini di gerarchia o di disciplina fra li attruppati. Come dimostrano le parole della legge - anchorchè l'atturppamento non sia stato da alcuno in particolare suscitato - una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, collo scopo di commettere un reato, delitto o contravenzione che sia e un attruppamento punibile. (Criminal Appeal Police vs Carmelo Saliba et" 25.6.02 – Law Reports Volume XVIII, Part IV, page 39; Criminal Appeal Police vs Rocco Zammit et" 24.4.11; Criminal Appeal Police vs Giovanni Debattista et" 20/9.12; Criminal Appeal Police vs Bigeni 17.3.1945."*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ampjament jirriżulta li fit-18 ta' Settembru 2020, fil-ħinijiet indikati fl-imputazzjoni, inġabru numru konsiderevoli ta' immigranti residenti f'Warehouse 1, u ċertament iktar minn għaxra, wara l-ħajt ta' l-imsemmija Warehouse bil-iskop li jagħmlu toqba fil-hajt u jaħarbu minnha u eventwalment miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi - in effetti uħud minn dawn il-immigranti irnexxielhom jaħarbu. Meta l-immigranti sabu l-oppozizzjoni ta' l-Uffiċjali u Security taċ-Ċentru ta' Detenzjoni u tal-Pulizija, huma rreaġew bil-vjolenza billi bdew igaraw il-ġebel u l-ħadid lejhom u anke ħarġu xi saqqijiet u tawhom in-nar. Is-sitwazzjoni kienet tali li l-Uffiċjali taċ-Ċentru tad-Detenzjoni u l-Pulizija li waslu l-ewwel fuq il-post kellhom isejħu għal iktar għajnuna mingħand il-membri ta' l-RIU u ta' l-SIU u anke kellhom jissejjħu membri tal-Protezzjoni Ċivili biex jiġu kkontrollati u jintefew in-nirien li qabbdu l-immigranti stess. Din il-kommossjoni kollha wasslet biex kien hemm membri tal-Pulizija li spiċċaw feruti u kien hemm minnhom li anke kellhom jittieħdu l-Isptar.

Fid-dawl tal-provi prodotti għalhekk jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fit-18 ta' Settembru 2020, fil-ħinijiet indikati fl-imputazzjoni kien hemm attruppament ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Safi u jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli wkoll li l-imputati kollha kienu parteċipi b'mod attiv f'dan l-attruppament. Kif già iktar 'l fuq osservat, mix-xhieda mogħtija minn Darren Fenech, Officer in Charge taċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal Safi li jaf lill-imigranti residenti hemm sew, jirriżulta li l-imputati kollha kienu involuti u, apparte li ħattew parti mill-ħajt ta' Warehouse 1, anke tefgħu ġebel u ħadid lejn l-Uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni u l-Pulizija. L-involviment tagħhom, jew għall-inqas ta' uħud minnhom, ġie kkonfermat ukoll minn diversi xhieda oħra, fosthom Jordan Coleiro, Detention Officer fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi, Martin Bonnici u Mark Farrugia, li dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020 kienu Security fiċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Safi.

Għalkemm l-iktar xhud konsistenti kien Darren Fenech, in kwantu x-xhieda l-oħra kienu ftit titubanti meta sarilhom il-kontro-eżami ulterjuri iktar minn sena wara li seħħ l-inċident in kwistjoni, il-Qorti tqis li fuq din ix-xhieda tiegħu xorta tista' ssib ħtija fl-imputati għar-reat ta' attruppament u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *f kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar*. Apparte minn hekk, ċertament ma tistax tinjora l-verżjoni mogħtija mix-xhieda l-oħra, senjatament Jordan Coleiro, Martin Bonnici u Mark Farrugia, ftit ġranet biss wara li seħħ l-inċident fejn indikaw dawk mill-imputati li huma raw jieħdu seħem attiv f'dan l-attruppament.

Ma hemmx dubju li l-iskop wara dan l-attruppament kien il-ħarba ta' l-immigranti miċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Safi, iżda mill-provi prodotti ampjament irriżulta li ħadd mill-imputati f'dawn il-proċeduri ma rnexxielu jaħrab miċ-Ċentru. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputati jistgħu u għandhom jinsabu ħatja tar-reat ta' attruppament kif previst fl-Artikolu 68(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini jiġi osservat li s-sottomissjoni tad-Difiża li l-persuni ċentrali għall-identifikazzjoni ta' l-imputati ma ġietx prodotta mill-Prosekuzzjoni b'dan għalhekk li l-identifikazzjoni tagħhom bħala parteċipi fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet serjament ippreħudikata ma hijiex affattu korretta. Mill-provi prodotti jirriżulta Ferm ċar li għalkemm kien hemm wieħed mill-immigranti li indika r-ring leaders lill-Pulizija, kien hemm ukoll uffiċjali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni, prinċipali fosthom l-Officer in Charge Darren Fenech, li wkoll identifika lil dawk il-persuni involuti f'dan l-attruppament, u fosthom identifika lill-imputati odjerni. Daqstant ieħor hija għal kollox infondata s-sottomissjoni tad-Difiża li l-imputati kienu qegħdin *in the wrong place at the wrong time*. Ħareġ b'mod ċar li l-immigranti f'Warehouse 1, fosthom l-imputati, kienu involuti f'dan l-attruppament li seħħ dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020.

**It-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta 'l-awtorità jew ta 'wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa 'taħt l-ebda disposizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta **u** talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bon ordni jew il-kwiet u paċi tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta .

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali kkwota l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deċiża fil-25 ta' Ġunju 1997, osservat illi: *ordni leġittimu mogħti mill-Pulizija jew mill-awtorità għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Austin Grech). Ordni jitqies leġittimu għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikun prima facie leġittimu, jiġifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tiegħu u fil-forma li bih jingħata.*

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' l-Officer in Charge Darren Fenech, ta' l-uffiċjal taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Jordan Coleiro u ta' l-Ispettur Antoine Cilia, jirriżulta ferm ċar li l-immigranti taċ-Ċentru, inkluż l-imputati, ma obdewx l-ordnijiet mogħtija lilhom, anzi minflok irreaġew billi bdew jitfgħu l-ġebel u l-ħadid lejn l-Uffiċjali taċ-Ċentru tad-Detenzjoni u l-Pulizija u anke qabbdu xi saqqijiet.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, fil-fehma tal-Qorti t-tielet imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-imputati tirriżulta ppruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli u huma għandhom jinstabu ħatja ta' l-istess.

In kwantu rigwarda l-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Monica Polidano**, deċiża fil-25 ta' Ġunju 2001, osservat illi *bħala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta proprjetà, kemm b riżultat dirett ta dak l-għemil jew minħabba l- possibilità ta reazzjoni għal dak l-għemil. Fi kliem ieħor, wieħed irid jara fil-każ konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hu evidenti, per eżempju, li persuna li tiġi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruħha (mhux sempliċement tirritalja għal offiza fuq il-persuna li tkun digà saritilha) neċessarjament ser taġixxi b mod li tnissel f moħħ persuna oħra dak l-inkwiet jew tħassib aktar l fuq imsemmi. Però l-aġir ta dik il-persuna jkun, f dawk iċ-ċirkostanzi, inevitabbli, u għalhekk ma jistax jammonta għal breach of the peace. L-istess ikun il-każ jekk persuna tingurja animus retorquendi fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wieħed jgħid li dik l-inġurja ma tammontax għal reat però l-fatt fih innifsu jammonta għal reat ieħor (taħt l-Art. 338(dd)).” Di fatti dan is-subinżiz (dd) jiddisponi li:- Huwa ħati ta kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min:- (dd) b xi mod ieħor mhux imsemmi band oħra f dan il-Kodiċi jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.”*

Applikat dan il-prinċipju għall-fatti tal-każ in eżami ma hemmx dubju li r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati ġiet ampjament ippruvata u għandhom jinstabu ħatja ta' l-istess.

Għal kull buon fini jiġi osservat li d-dokumentazzjoni esebita mid-Difiża bin-Nota ippreżentata fl-1 ta' Diċembru 2021 a fol. 406 sa' 475 tal-proċess, bl-ebda mod ma tista' tiġġustifika jew timminimizza dak li seħħ dakinhar tat-18 ta' Settembru 2020, la fejn jirrigwarda din l-imputazzjoni u lanqas fejn jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati - jekk dan kien l-iskop tad-Difiża għaliex in verità d-dokumentazzjoni sempliċement ġiet esebita mingħajr ebda forma ta' spjega dwar kif din tinkwadra f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ però l-Qorti tosserva li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw ċertu aġir u li addirittura jeżentaw persuna minn responsabilità kriminali huma ben elenkati fil-Kodiċi Kriminali u d-Difiża ma għamlet aċċenn dirett għall-istess u għaldaqstant, l-aġir ta' l-imputati ma jista' jsib l-ebda ġustifikazzjoni jew skuża fil-Liġi.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu akkużati wkoll talli irrendew ruħhom kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien ġewwa ċ-Ċentru ta 'Detenzjoni taĦ 'al-Safi u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

Fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni - li għall-finijiet ta' Rinviju għall-Ġudizzju ġiet inkwadrata mill-Avukat Ġenerali taħt l-Artikolu 42 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr speċifikazzjoni ta' liema miċ-ċirkostanzi hemm previsti qed jiġu addebitati lill-imputati - ma ġietx ippruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għaldaqstant l-imputati ma jistgħux jinstabu ħatja ta' l-istess.

Mill-provi prodotti ampjament irriżulta li ħadd mil-imputati ma ġie identifikat bħala l-persuna/i li tat jew taw in-nar lis-saqqijiet. L-unika ħaġa li rriżultat hi li l-imputat Tesfalem Habeh Tesfalem, li wkoll kien preżenti u attiv fl-attruppament li seħħ dakinhar, ħin minnhom kien qed jimbotta saqqu.

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrali li *biex persuna tinstab ħatja bħala kompliċi jrid jirriżulta sodisfaċentement pruvat mill-Prosekuzzjoni - cioè pruvat lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni - li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament għinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi għamel xi ħaġa li tinkwarda f'wieħed mill-parafrafi (a) sa' (e) tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-sempliċi fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx neċessarjament li hi kienet taf x'kellu f'moħħu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista' tammonta għall-kompliċità f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirriżulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur anke jekk biss moralment biex iwettaq dak id-delitt*[37].

Fil-fehma tal-Qorti meta l-fatti ta' dan il-każ jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji għandu jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputati kollha flimkien jew ta' l-imputat Tesfalem Habeh Tesfalem waħdu għall-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Għad illi rriżulta li Tesfalem Habeh Tesfalem f'ħin minnhom kien qed jimbotta saqqu ma jfissirx li kien jaf li xi ħadd ieħor mill-persuni involuti fl-attruppament kellu l-ħsieb u l-intenzjoni li jqabbad saqqu, iktar u iktar meta mix-xhieda ta' l-Ispettur Antoine Cilia rriżulta li ntużaw diversi saqqijiet minn diversi mill-immigranti involuti u għalkemm l-ewwel sett ta' saqqijiet ittieħed mill-Pulizija ta' l-RIU, l-immigranti ħarġu b'sett ieħor ta' saqqijiet u kienu dawn is-saqqijiet li ngħataw in-nar. In effetti l-ISpettur Cilia xehed illi *tajt l-ordni biex nagħmlu charge fejn ġrejna għal fuqhom, ħadnielhom is-saqqijiet u huma daħlu jiġru l-ġewwa u aħna rtirajna lura wkoll. Wara din il-biċċa xogħol, kont infurmat ukoll li ma kienx hemm post alternattiv ieħor fejn jinżammu l-immigranti u l-unika li soluzzjoni li kellna kienet li nżommuhom ġewwa sakemm jiħi rranġat il-ħajt li kien tkisser. Wara xi ħin, l-immigranti reġgħu ħarġu s-saqqijiet, biss din id-darba tawhom in-nar u kienu se jibdew ġejjin lejna bihom jiġifieri bis-saqqu jaqbad.* Minn imkien ma jirriżulta jekk is-saqqu li kien qed jimbotta Tesfalem Habeh Tesfalem kienx wieħed mill-ewwel saqqijiet li ttieħed mill-membri ta' l-RIU jew inkella kienx wieħed mit-tieni lot ta' saqqijiet li ngħataw in-nar u għaldaqstant l-imputazzjoni tal-kompliċità ma treġix.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputati qed jinstabu ħatja u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni, it-tielet u ir-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrihom.

**Decide:**

[37] Il- Pulizija vs Lisa Pace, Omissis, deċiża

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u konsegwentement tilliberahom minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 68(2), 325(1)(b), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati kollha ħatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħhom kif imfisser f'din is-sentenza u tikkundanna lil kull wieħed minnhom għall-perijodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li kull wieħed mill-imptutati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati, separatament u individwalment, għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' wieħed minn sebgħa u għoxrin parti (1/27), u dana billi mill-provi rriżulta li b'kollox in konnessjoni ma' dan l-inċident tressqu sebgħa u għoxrin persuna miċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Safi, tas-segwenti spejjeż konnessi man-nomina ta' Esperti Tekniku fl-Inkjesta Maġisterjali bil-Procès-Verbal Nru. 1268/2020:

- 1/27 kull wieħed mis-somma ta' €238.90 rappreżentanti l-ispiża konnessa man-nomina tas-Scene of Crime Officers WPS 293 Michelle Camilleri u PS1331 Darren Debattista, b'dana għalhekk li kull wieħed mill-imputati jrid iħallas is-somma ta' €8.85;
- 1/27 kull wieħed mis-somma ta' €742.70 rappreżentanti l-ispiża konnessa man-nomina ta' l-Espert Tekniku Alvin Cardona, b'dana għalhekk li kull wieħed mill-imputati jrid iħallas is-somma ta' €27.50;
- 1/27 kull wieħed mis-somma rappreżentanti l-ispiża konnessa man-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Robert Musumeci hekk kif din tiġi komunikata lil kull wieħed minnhom mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

In oltre l-imputati Daniel Solomon Alalzar u Tesfalem Habeh Tesfalem għandhom, in kwantu għal nofs kull wieħed, separatament u individwalment, iħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, l-ispejjeż, li għandhom jiġu lilhom minnu komunikati, konnessi mas-servizzi ta' traduzzjoni provduti lilhom minn Beyene Gebremariam ai termini tad-Digriet mogħti minn din il-Qorti datat 6 ta' Settembru 2021.

Kemm-il darba l-imputati jew min minnhom jonqos milli jħallas l-ammonti minnu dovuti, l-ammont u/jew bilanċ hekk dovut jiġi konvertit f' terminu ta' priġunerija ai termini tar-rat stabbilita skond il-Liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati jħallas lill-Gvern ta' Malta wieħed minn sebgħa u għoxrin parti (1/27), stante li l-imputati ma kienux l-uniċi persuni li ħattew il-ħajt ta' Warehouse 1, mis-somma ta' €500 rappreżentanti l-valur tad-dannu kawżat lill-imsemmi ħajt. Għaldaqstant kull wieħed mill-imputati jrid iħallas lill-Gvern ta' Malta is-somma ta' €18.52.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti staqsiet lil kull wieħed mill-imputati jekk iridx traduzzjoni bil-miktub ta' din is-sentenza jew inkella huwiex sodisfatt bit-traduzzjoni orali ta' l-istess waqt il-qari ta' din l-istess sentenza u huma ddikjaraw li jridu li jkollhom traduzzjoni bil-miktub ta' din is-sentenza, b'dana li għal tali skop il-Qorti qed tinnomina lil Dounia Borg u lil Fissehe Beyene Gebremariam.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**